THE YOUTH FOOTBALL ASSOCIATION

The Youth Football Association
c/o The Centenary Stadium Ta' Qali ATTD 4000, Malta
00356 21237080 | 00356 79229395
www.theyouthfa.org.mt | info@theyouthfa.org.mt

24 ta' Ġunju 2020

**Ċirkulari Nru 1/2020-2021**

Lis-Segretarji
YFA Nurseries

Nilqgħukom għal bidu ta' staġun ġdid li qed iġib miegħu affarijiet u sfidi ġodda għall-assoċjazzjoni. Nibda billi nirringrazzja lid-delegati preżenti waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2020 fejn jien ġejt approvata bħala Segretarja Ġenerali tal-assoċjazzjoni.

Filwaqt li nsellem u nirringrazzja lis-Segretarju Ġenerali uxxenti Joe Micallef u lil Fixtures Officer Alex Pace tal-ħidma tagħhom bla heda lejn l-assoċjazzjoni, nwegħdkom li ser insegwi t-tajjeb kollu li sar u nħarsu 'l quddiem biex flimkien intejjbuh. Dan ikun possibbli jekk nisimgħu lil xulxin, niddiskutu u niddeċiedu fl-aħjar interess tal-logħba għal qalbna u fuq kollox inżommu kull tifel/tifla fiċ-ċentru. Inħares 'il quddiem biex niltaqa' u nitkellem magħkom fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin. F'każ li xi ħadd ikun irid jikkuntattjani jista' jagħmel dan permezz t'email jew fuq il-mobile 99336585 (wara l-5pm).

Il-**Kunsill tal-YFA għal Staġun 2020-2021** ser ikun kompost kif ġej:

| | |
|---|---|
| President | Fr Hilary Tagliaferro |
| Viċi Presidenti | Sur Joe Cassar |
| | Sur Robert Attard |
| Segretarja Ġenerali | Sinjorina Stephanie Rocco |
| Teżorier Onorarju | Sur Alfred Cacciottolo |
| Membri Newtrali | Sur Charles Buġeja |
| | Sur Joe Mallia |
| | Sur Joe Micallef |
| | Sur Alex Pace |
| | Sur Joe Pace |
| | Sur Stewart Said |
| Membri f'isem in-nurseries | Sur Godwin Aquilina (Sta Venera) |
| | Sur Joe Baldacchino (Żabbar St Patricks) |
| | Sur Simon Spiteri (Mtarffa) |
| | Sur Paul Vella (Mġarr) |

**Informazzjoni ġenerali**

1. Formoli: In-nurseries huma mitluba biex jissottomettu l-informazzjoni u d-dettalji kollha relatati mal-amministrazzjoni tan-nursery, kif ukoll lista ta' stewards **sa mhux aktar tard min-nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju 2020**, bi preparazzjoni għal Staġun 2020-2021. Intom mitluba tissottomettu l-informazzjoni permezz ta' dawn iż-żewġ links:

The Youth Football Association
c/o The Centenary Stadium Ta' Qali ATTD 4000, Malta
00356 21237080 | 00356 79229395
www.theyouthfa.org.mt | info@theyouthfa.org.mt

i. Form 2 – Informazzjoni u dettalji tan-nursery għal Staġun 2020/2021 - Agħfas hawn
ii. Form 2b – Lista ta' Stewards nominati min-nurseries għal Staġun 2020/2021 - Agħfas hawn

2. Is-Segretarjat tal-Assoċjazzjoni: L-uffiċju ser jerġa' jinfetaħ regolarment wara waqfa għal vaganzi, min-nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2020. Il-ġranet tal-ftuħ għal dan l-istaġun ser jibqgħu l-istess, jiġifieri nhar ta' Tnejn, it-Tlieta u l-Ġimgħa bejn is-6.00pm u 7.30pm. L-uffiċjali nkarigati mill-ftuħ tal-uffiċju huma Joe Pace (it-Tnejn u l-Ġimgħa) u Charles Buġeja (it-Tlieta).

3. Qegħdin naħdmu fuq il-pjanijiet għall-kampjonati ta' taħt il-15 u 17 -il sena iżda għad m'għandniex dati uffiċjali. Pero', biex wieħed ikun jista' jippjana dwar bidu ta' pre season, il-ħsieb hu li nimxu fuq il-perjodu tal-istaġun li għadda. Id-dati finali jkunu kkonfermati aktar 'il quddiem fejn ninfurmawkom ukoll bid-data tat-tlugħ tal-poloz.

4. Infakkru lil dawk in-nurseries li għad għandhom xi trofej mill-istaġun 2018/2019 sabiex dawn jirritornawhom mill-aktar fis. Tistgħu tagħmlu dan min-nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2020 ma' Charles Buġeja (Mob no. 99491969).

5. Dwar il-ftuħ regolari tan-nurseries u t-taħriġ, il-YFA ser tistenna komunikat uffiċċjali aġġornat mill-awtoritajiet konċernati. Inżommukom infurmati bl-informazzjoni li nirċievu.

Tislijiet

Stephanie Rocco
Segretarja Ġenerali